KLR 5/VII/2013

Minuti tal-laqgħa li nżammet fl-uffiċċju amministrattiv tal-Kunsill Lokali tar-Rabat Għawdex nhar it-Tlieta 25 ta' Ġunju 2013 fil-17.30.

PREŻENTI: Is-Sindku Dr Samuel Azzopardi, il-membri Joseph Debrincat, Michel Buttiġieġ u Anthony Briffa u s-Segretarju Eżekuttiv Miriam Attard.

SKUŻATI: Il-Viċi Sindku Josef Schembri, u l-membri Maria Portelli u Marċel Tabone.

Intqalet it-Talba.

## 1. Approvazzjoni tal-Minuti

Ġew approvati l-minuti tal-aħħar żewġ laqgħat (KLR 3/VII/2013 u KLR 4/VII/2013)

Minn KLR 3/VII/2013

1.1 Il-Kunsillier Buttiġieġ għarraf lil membri li saret laqgħa fuq il-post fi Triq Mons. Ġużeppi Farruġia kantuniera ma Triq Sant' Indrija. Fuq parir tal-Perit din il-parti żgħira għandha tinqala' biex titbaxxa ftit peres li biż-żmien għoliet u qed toħloq inkonvenjnet lir-residenti minħabba l-ilma tax-xita.

1.2 Riward mozzjoni numru 4, il-kunsillier Debrincat għarraf lill-preżenti li dan ix-xogħol se jsir minn naħħa tal-Minsiteru għal Għawdex.

## *2.* Proġett ERDF - *update*

Il-membri ġew mgħarrfa li l-bord ta' aġġudikazzjoni fuq iż-żewġ offerti tal-*Project Administrator* u tat-*Technical Consultant* għandhom l-aħħar laqgħa nhar il-Erbgħa 3 ta' Lulju 2013. Il-Kunsill imbgħad ikun jista' jgħażel il-kuntrattur ta' dawn is-servizzi malli l-bord ilesti r-rapport. Il-kuntratt tad-dawl għal dan il-proġett jinsab fil-fażi ta' aġġudikazzjoni.

## 3. Proġett tal-Playing Field - *update*

Iż-żmien tal-appell għas-servizz tal-offerta tat-*Technical Consultancy and Management* għall-proġett tal-*playing field* għadda u għalhekk jista' jiġi ffirmat il-kuntratt ma DTR Ltd. Għandha ssir l-ewwel laqgħa ma dawn il-Periti, mal-kuntrattur tal-kostruzzjoni u mal-kuntrattur tad-dawl.

## 4. *Post Mortem* Jum il-Belt Victoria

Il-membri qablu li:-

i. l-livell tal-attivitajiet kien tajjeb,
ii. l-Quddiesa għandha tkun animata,
iii. il-kunċert tal-Orkestra Filarmonika Nazzjonali jkun aktar reklamat,
iv. is-sena li ġejja l-kunċert tal-Orkestra Filarmonika Nazzjonali jidderiġieħ il-Prof. Joseph Vella u
v. s-sena d-dieħala jsir ftehim iffirmat minn qabel fejn jidħlu l-kunċerti tal-baned.

Rigward il-korrispondenza mingħand is-Soċjeta' Filarmonika Leone il-Kunsill ġie mgħarraf li s-Soċjeta irtirat kull ilment u azzjoni li setgħet ħadet a bażi ta' informazzjoni mogħtija lilha mill-Uffiċċju tal-President ta' Malta. Il-Kunsill imbgħad irtira l-posizzjoni li kien ħa fl-ittra tal-Kunsill datata 5 ta' Ġunju 2013. Fit-18 ta' Ġunju 2013 is-Soċ. Fil. Leone bgħatet ittra ta' ringrazjament tal-għajununa li sabet mill-Kunsill fir-rigward tal-kunċert li sar.

Fit-8 ta' Ġunju 2013, s-Sindku riċieva korrispondenza mingħand is-Soċ. Fil. La Stella fejn dawn talbu li l-kunċert tal-2015 isir fil-*weekend* tas-6 u 7 ta' Ġunju 2015. Is-Sindku ġibed l-attenzjoni li wara l-kunċert *RockAstra* kiteb lis-Segretarju tal-Soċjeta' fejn ġibed l-attenzjoni ta' nuqqasijiet li nnota sabiex ittella' dan il-kunċert. Wara, fit-22 ta' Ġunju 2013, is-Sindku rċieva korripsondenza fejn is-Segretarju tas-Soċ. Fil. La Stella ntalabet l-assikurazzjoni li l-Kunsill qed jifinanzja ż-żewġ kunċerti tal-baned b'mod ekwu.

Is-Sindku ġibed l-attenzjoni li qabel il-kunċerti taż-żewġ baned kien hemm ftit mumenti tedjanti. Filfatt għalhekk propona li jsir il-ftehim minn qabel ta' kull ħaġa li għandha u x'mgħandiex issir.

## 5. Trukkijiet li jbiegħu il-frott u l-ħaxix

Qed jitressqu diversi talbiet sabiex fil-parkeġġi li hawn fir-Rabat jinħarġu permessi għall-trukkijiet li jibiegħu il-frott u l-ħaxix. Il-Kunsill ma jaqbilx li aktar parkeġġi jintużaw għall-għanijiet oħra għajr li jipparkjaw vetturi tal-pubbliku in ġenerali. Din hi l-priorita'. Min qed jitlob sabiex juża dawn il-parkeġġi għall-bejgħ ta' frott u ħaxix għandu jiġi nfurmat sabiex jimxi mal-liġi applikabbli.

## 6. Kuntratt tal-ġbir tal-iskart organiku – KIP

Il-membri qablu li għandu jiġi ffirmat il-kuntratt il-ġdid mal-KIP rigward il-ġbir tal-ikart orgnaiku. Sadanittant għandhom isiru l-avviżi neċessarji lir-residenti sabiex jiġu nfurmati li l-ġbir tal-iskart separat ser jibda' jsir nhar ta' Tlieta filgħodu mis-07.00 'il quddiem. Dakinhar ma jsirx ġbir ta' skart organiku. Dan minn Awwissu 2013. Aktar 'il quddiem ir-residenti jiġu nfurmati bit-tibdil l-ieħor ta' meta l-iskart kollu jibda jinġabar filgħodu.

**7. Korrispondenza**

Tressqet korrispondenza mingħand:-

7.1 Transport Malta fejn,
nħareġ il-permess sabiex:-
7.1.1 isiru *double yellow lines* quddiem 'Thomas' fi Triq Alfons Maria Ħili;
7.1.2 isiru l-*parking bays* madwar blokk HA, HB u G f'taċ-Ċawla H.E.;
7.1.3 isiru *speed limit signs* fi Triq Mons. Luiġi Vella.
7.1.4 isir parkeġġ tal-persuni b'diżabilita' quddiem Marianna Sacco ta' 63, Triq San Duminku. Dan għal sitt xhur;
7.1.5 isir parkeġġ tal-persuni b'diżabilita' quddiem Bernarda Cassar ta' 89, Triq Sant' Orsla. Dan għal sena;
7.1.6 quddiem William's VET Surgery issir *Keep Clear bay except for un/loading during clinic hours only* fi Triq Papa Ġwanni Pawlu II;

7.1.7 ma nħariġx il-permess biex isir parkeġġ tal-persuni b'diżabilita' quddiem Maria Caruana ta' Capital Heights, Apart. 31, Triq Ġorġ Borġ Olivier. Dan peress li m'hemmx vettura rreġistrata fuq ir-residenza;

7.1.8 intalab permess biex isir parkeġġ tal-persuni b'diżabilita' quddiem Anġela Grech ta' 188/7 Triq Sant' Ursola. Għandha timtela l-formola u tintbgħat lit-TM;

7.1.9 ma ntlaqetx it-talba sabiex *un/loading bay* li tinsab quddiem il-ħanut ta' Frank Mizzi ta' Triq Fortunato Mizzi ssir *un/loading* filgħodu biss;

7.1.10 rigward it-talba ta' *double yellow lines* quddiem 'Lunzjata Court', fi Triq Dun Pawl Micallef, minflok issir bankina. TM għandha tiġi nfurmata li jekk issir bankina min għandu l-garaxx in-naħħa l-oħra tat-triq ma jkunx jista' joħroġ bil-vettura tiegħu.

7.2 sid il-ħanut 'Wurth' ta' Pjazza J F Kenedy fejn talab *un/loading bay* quddiem il-ħanut. Din it-talba tintbagħat lill-TM;

7.3 Joseph Bonello fejn għat-talba tiegħu ta' *un/laoding* qrib il-Villa Rundle, ssuġġerixxa li din issir fi Triq l-10 ta' Ġunju. Il-membri ma qablux peress li f'din it-triq diġa' hemm *un/laoding bays* tal-istabiliment 'The Duke'. Barra minn hekk biex saret il-*gate* għall-Villa Rundle li hemm fil-parkeġġ il-kbir kellhom jitneħħew żewġ parkeġġi;

7.4 Anthony Bonniċi, *Marketing Manager* tal-Marsovin fejn talab il-permess biex isir il-*Wine Festival* fiċ-Ċittadella. Il-Kunsill qabel li din l-attivita' għandha ssir bejn is-26 u s-27 ta' Lulju 2013. L-organiżżaturi għandhom jitolbu l-permess mill-Ministeru għal Għawdex ukoll.

7.5 grupp ta' sidien ta' ħwienet ta' Pjazza San Ġorġ fejn iffirmaw petizzjoni u bgħatuha lill-Minsitru għal Għawdex u kopja lill-Kunsill Lokali. Dawn ilmentaw minħabba l-fatt li f'din il-pjazza f'dawn l-aħħar snin saru diversi proġetti kbar inkluż il-kisi tal-art mill-Kunsill. Dawn il-proġetti telfu xi ftit jew wisq mill-bejgħ ta' dawn il-ħwienet u ntalab li bejn i-xhur ta' April u

Ottubru ma jingħatawx permessi sabiex isir xogħol ta' kostruzzjoni f'din il-pjazza. Il-membri qablu li l-Kunsill għandu jiġbed l-attenzjoni li kien hu li talab lill-MEPA sabiex tinkludi Pjazza San Ġorġ fil-lista ta' toroq li fiha ma jistax isir bini matul il-ġranet tas-sajf.

7.6 l-Assoċċjazzjoni tal-Kunsill Lokali fejn il-Kunsilli ntalbu jipproponu żoni fejn jista' isir tħawwil ta' siġar skond il-programm tal-Gvern biex jikber in-numru ta' siġar fil-pajjiż. Il-membri qablu li jiġi suġġerit li jiżdiedu s-siġar fil-*palying field* wara li jitlesta x-xogħol tal-kostruzzjoni.

**8. Materji oħra**

8.1 Is-Sindku għarraf lill-membri li rigward is-*CCTV camera* għall-Pjazza San Ġorġ, mill-uffiċċju tar-Reġjun t'Għawdex intalab permess lid-Dipartiment għal Gvern Lokali sabiex din tiġi koperta mill-Kunsill tar-Rabat. Billi s-sistema hija *pooling* dan mhux possibli u d-Dipartiment irrfjuta din it-talba.

Il-membri qablu li:-

8.2 ssir bankina quddiem 'Ġuża Court' fi Triq Qasam San Ġorġ;

8.3 jinxtraw 10 kotba (€7 'il wieħed) li kiteb Fr Peter Paul Cachia osa. Il-ktieb iġib l-isem 'Kif taqra l-istqarrijiet ta' Santu Wisitn';

8.4 il-Kunsill jipparteċipa fit-tiġrijiet taż-żwiemel taż-żewġ festi bħas-snin l-imgħoddija;

8.5 jintalab il-permess tat-TM sabiex id-*double yellow line* li hemm quddiem il-ħanut 'Gauda' isir *single yellow line*;

8.6 tinkiteb ittra lis-sidien tal-ħwienet 'Grech Central Store' u 'Mezzan Paztizzeria' fi Triq Repubblika sabiex ma jħallux affarijiet barra mingħajr permess, bħall-*fridges* u *vending machines* tas-*soft drinks*;

8.7 bejn l-24 u s-26 ta' Lulju jiġi ospitat jumejn f'Għawdex il-konslu tal-Emiglia Romagna Enrico Gurioli u uffiċċjal fis-servizz esteru ta' dan ir-Reġjun. Hu previst lii jkun hemm żjarat fosthom fil-Kamra tal-Kummerċ t'Għawdex dwar possibilita' ta' kummerċ fil-pordotti artiġjanali ta' bejn iż-żewġ reġjuni;

8.8 r-residenti ta' Triq Mons. Luiġi Vella tintbagħtilhom korrispondenza fejn il-Kunsill jistaqsihom jekk isibux oġġezzjoni sabiex isiru *rumble strips* quddiem ir-residenzi tagħhom;

8.9 r-*railing* li ser jinqala' mill-*playing field* isir quddiem blokk D f'taċ-Ċawla H. E.;

8.10 jinżabbru s-siġar li hemm quddiem blokk EA f'taċ-Ċawla H.E.;

8.11 jinħarġu €100 sabiex isir kunċert fl-okkażjoni ta' egħluq il-mitt sena anniversarju mit-twaqqif tac-Circolo Gozitano;

8.12 Il-membri ġew mgħarrfa li billi bħalissa wieħed mill-impjegati hu ndispost u se jkollu jieħu *vacation leave* fit-tul, id-Dipartiment għal Gvern Lokali se joffri ħaddiem mit-Taqsima li għandu f'Għawdex sabiex il-Kunsill ikun jista' jiftaħ is-Sibtijiet. Dan jitħallas mill-Kunsill.

8.13 Il-membri ġew mgħarrfa li ntalab il-parir tal-uffiċċju tal-protokol fejn il-Kunsill staqsa jekk *Chief of Staff* ta' Ministeru jieħux post il-Ministru meta l-Minsitru jkun assenti f'okkażżjonijiet organiżżati mill-Kunsill. Ir-risposta kienet li c-*Chief of Staff* ma jieħux post il-Minsitru fl-assenza tiegħu.

Il-laqgħa spiċċat fis-19.00 u laqgħa oħra ser issir nhar il-Ħamis 4 ta' Lulju 2013 fil-17.30.

| | |
|---|---|
| Av. Samuel Azzopardi | Miriam Attard |
| Sindku | Segretrju Eżekuttiv |